# QORTI ĊIVILI

## PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**

**ROBERT G. MANGION**

**DIGRIET FINALI**

**ILLUM 16 TA' APRIL 2021**

**Fl-atti tar-rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni nru 406/2021**

**Fl-ismijiet:-**

**Godwin Cutajar u Jeanette Cutajar**

**Vs**

**Awtorita' għat-Trasport f'Malta u Harbour Management Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari.**

Rat ir-rikors ta' Godwin Cutajar et.tas-16 ta’ Marzu 2021 li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed jitolbu li sabiex jikkawtelaw id-drittijiet tagħhom l-intimati jiġu miżmuma milli jibdew ix-xogħolijiet stabbiliti permezz tal-Local Notice to Mariners no. 016 tas-sena 2021 u kwalunkwe ħaġa oħra direttament konnessa ma’ jew anċillari għal ftehim li seħħ bejn l-intimati, b’mod illegali, rigwardanti l-immaniġġjar ta’ Organised Mooring Area and associated fairway for the mooring of small craft fil-post magħruf bħala “Mooring Area in Xemxija”.

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta’ Marzu 2021 li permezz tieghu laqgħet provviżorjament it-talba u appuntat ir-rikors għas-smiegħ.

Rat illi r-rikors promotur ġie notifikat lill-Awtorita’ intimata fis-17 ta’ Marzu 2021 iżda ma ġiex notifikat lis-soċjeta’ intimata.

Rat ir-risposta tal-Awtorita’ għat-Trasport f’Malta tat-22 ta’ Marzu 2021.

Rat ir-risposta tas-soċjeta’ Harbour Management Limited tal-25 ta’ Marzu 2021.

Ikkonsidrat illi fl-udjenza tat-13 ta’ April 2021 Joseph Bugeja għall-Awtorita’ intimata iddikjara bil-ġurament tiegħu illi x-xogħolijiet li r-rikorrenti kienu qed jittentaw iwaqqfu permezz tal-proċeduri odjerni kien hemm il-ħsieb li jiġu eżegwiti.

Semgħat it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet fl-istess udjenza.

Rat l-atti.

Rat li r-rikors tħalla għal Digriet Kamerali.

Ikkunsidrat;

Mill-atti jirriżulta illi fit-12 ta’ Ottubru 2005 il-Kummissarju tal-Artijiet in rappreżentanza tal-Gvern ta’ Malta ikkonċeda favur ir-rikorrenti b’titolu ta’ ċens temporanju ta’ ħamsin (50) b’effett mid-9 ta’ Awissu 2005 il-binja magħrufa bħala “Beech Haven” li tinstab f’Xemxija Hill, San Pawl il-Baħar bil-konfini hemm indikati u kif immarkata bil-kulur aħmar fuq pjanta annessa mal-imsemmi kuntratt.

Fit-18 ta’ Novembru 2009 l-intimata Awtorita’ għat-Trasport f’Malta ħarġet sejħa pubblika għal proposti għall-immaniġġjar u t-tħaddim ta’ żoni organizzati ta’ berthing u irmiġġ għal yachts fix-Xemxija u s-Salina. Ir-rikorrenti u s-soċjeta’ intimata tefgħu l-offerti tagħhom. L-Awtorita’ intimata għażlet l-offerta tas-soċjeta’ intimata filwaqt li dik tar-rikorrenti ġiet rifjutata.

Ir-rikorrenti kienu appellaw minn dik id-deċiżżjoni quddiem il-PCRB li eventwalment ċaħdet l-appell tar-rikorrenti.

Waqt li kien għadu għaddej dak il-proċess, fil-31 ta' Mejju 2010 l-Awtorita' intimata kitbet lir-rikorrenti u filwaqt li intimatu illi l-offerta tiegħu kienet ġiet rifjutata infurmatu wkoll illi minħabba li l-proċess tat-tender ma kienx ser jiġi konkluż qabel l-istaġun tas-Sajf li kien qed joqrob, "... the Authority is hereby granting you temporary permission to operate a mooring system within the area designated in the attached plan subject to the payment to the Authority of €200 for every craft exceeding 6 meters in lengh, and €100 for all other, for the summer season 2010.."

Dan seħħ peress li jirriżulta li wara li l-Awtorita' intimata ħadet id-deċiżżjoni li tagħti l-konċessjoni lis-soċjeta' intimata, l-Awtorita' talbet lis-soċjeta' intimata sabiex traħħas it-tariffi minnha sottomessi. Is-soċjeta' intimata irrifjutat li traħħas it-tariffi kif minnha sottomessi. In segwitu għal dak ir-rifjut, fid-19 ta' Mejju 2011 l-Awtorita' intimata ikkanċellat is-sejħa. Dan jirriżulta minn email tad-19 ta' Mejju 2011 mibgħuta lis-soċjeta' intimata li tgħid is-segwenti:-

"I am directed to inform you that the proposed rates, with respect to moorings, are not acceptable and the Authority is therefore no longer in a position to continue with the RFP process. Accordingly, you are hereby being informed that the RFP process is being cancelled and terminated without award. Your

Bid Bond is being released with immediate effect and will be returned to you by post."

Ma jirriżultax mill-atti x'ġara bejn Mejju u Novembrui 2011 sakemm fis-16 ta' Novembru 2011 is-soċjeta intimata istitwit kawża kontra l-Awtorita' intimata sabiex il-Qorti tħassar il-kanċellament tas-sejħa li seħħ fid-19 ta' Mejjui 2011. Sas-sena 2020 dik il-kawża kienet għadha pendenti u l-intimati bdew negozjati bil-ħsieb li jesploraw transazzjoni bejniethom.

Sadanittant jidher illi l-konċessjoni oriġinarjament mogħtija lir-rikorrenti għall-istaġun tas-Sajf tas-sena 2010, baqa' jiġi mġedded minn sena għal oħra pendenti l-kawża li s-soċjeta' intimata intavolat kontra l-Awtorita' intimata.

Fit-12 ta' Novembru 2020 l-intimati iffirmaw skrittura intitolata "***Compromise Agreement"*** li permezz tagħha l-Awtorita' obbligat ruħha li tagħti l-konċessjoni lis-soċjeta' intimata għal "Management and Operation of Organised Mooring Areas" fuq imsemmi filwaqt li s-soċjeta' intimata obbligat ruħha li ċċedi l-kawża.

Fil-*Compromise Agreement* jingħad illi l-intimati kienu qed jiftehmu illi jersqu fuq "***Concession Agreement"*** una volta l-kawża fuq imsemmija tkun ġiet ċeduta. Jingħad ukoll fil-"Compromise Agreement" illi fil-"Concession Agreement" eventwali kellha tiġi inserita klawsola li tgħid illi: "***for all intents and purposes at law, the RFP is being revived following amicable settlement between the Parties in reaching an out of court settlement***."

Jingħad ukoll inter alia fil-*Compromise Agreement* illi "The Parties shall liaise with and assist each other with respect to any third-party claims received, requests made, or pretensions vaunted, including legal proceedings, that may arise at any time in connection with the implementation of the concession agreement for the management and operation of mooring facilities in Xemxija Bay. Additionally, the Authority shall keep harmless the Operator with respect to any such third-party claims received, requests made or pretentions vaunted, including legal proceedings."

Il-kawża ġiet ċeduta fis-26 ta' Novembru 2020.

Għalkemm fil-"Compromise Agreement tat-12 ta' Novembru 2020 jingħad illi l-"Concession Agreement" kellu jiġi ffirmat sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu 2021, ma jirriżultax mill-atti illi tali "Concession Agreement" bejn l-intimati ġie ffirmat qabel ġew istitwiti l-proċeduri odjerni.

Fl-24 ta' Frar 2021 l-Awtorita' intimata, permezz tad-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, ħarġet "Legal Notice to Mariners no 016 tas-sena 2021" li permezz tagħha ordnat lill- baħħara illi "works will be carried out in Xemxija Bay, Xemxija, St Paul's Bay to establish an Organised Mooring Area and associated fairway for the mooring of small craft." L-Avviż tal-Awtorita' intimata jkompli jipprovdi illi: "Owners and vessels that are moored or have a mooring within the area bounded by the imaginary lines A, B, C, D and the coastline (as shown on the attached chart) are to remove such vessels, moorings and associated tackle by not later than Saturday 20th March

2021............Any vessels and moorings that are left in this area after the stipulated date will be removed at the expense of their owner."

Fis-16 ta' Marzu 2021 ir-rikorrenti intavolaw ir-rikors odjern għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni filwaqt li fis-26 ta' Marzu 2021 intavolaw rikors ġuramentat kontra l-intimati fejn qed jitolbu lill-Qorti (i) tiddikjara illi l-egħmil amministrattiv li wassal għal ftehim ta' transazzjoni u/jew l-iffirmar tal-kuntratt ta' konċessjoni finali bejn l-intimati sar bi ksur tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 u (ii) tordna t-tħassir tal-iskrittura datata 12 ta' Novembru 2020 u kull att sussegwenti. L-intimati qed jikkontestaw dik il-kawża li tinsab pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Fir-rikors odjern ir-rikorrenti jiddikjaraw illi apparti r-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huma ipproċedew quddiem il-Bord ta' Reviżjoni ta' Kuntratti Pubbliċi fejn talbu r-revoka tal-ftehim ta' bejn l-intimati.

Ikkonsidrat;

**Elementi tal-Mandat ta' Inibizzjoni taħt l-Artikolu 873 tal-Kap. 12**.

Il-mandat mitlub mir-rikorrenti huwa wieħed ġenerali maħsub taħt l-**Artikolu 873 tal-Kapitolu 12** u mhux taħt l-Artikolu 874. Il-mandat ta' inibizzjoni taħt l-artikolu li fuqu huwa imsejjes ir-rikors in diżamina għandu l-iskop li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-

persuna li qed titlob il-mandat[1] u mhux sabiex jikkawtela xi kreditu minnu pretiż.

Il-persuna li titlob il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni tax-xorta bħal dak mitlub mir-rikorrenti jeħtiġilha tissodisfa żewġ elementi sabiex it-talba tagħha tintlaqa' (a) trid turi li l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu jeddijiet li tippretendi li għandha, u (b) tkun tidher li għandha, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*), dawk il-jeddijiet.[2]

Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant. Ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawża **Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfrè** li *'huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant. Jew il-jeddijiet jidhru prima facie, ma' l-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat.'*

Bl-użu tal-kelma 'u' fit-tieni sub-artikolu tal-Artikolu 873, il-leġislatur ried li ż-żewġ elementi ikunu kumulattivi u mhux alternattivi. B'dan ifisser għalhekk illi jekk wieħed minn dawn iż-żewġ elementi jkun nieqes, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni. Tajjeb jingħad ukoll li l-proċedura tal-mandat huwa wieħed sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq

[1] Artikolu 873 (1) tal-Kapitolu 12.
[2] Artikolu 873 (2) tal-Kapitolu 12.

quddiemha waqt is-smiegħ tal-kawża dwar l-istess jedd, huwa għalhekk li r-rikorrenti trid turi mad-daqqa t'għajn li hija għandha jedd.

Hija ġurisprudenza imsejsa solidament fuq il-liġi applikabbli illi sabiex il-Qorti tilqa' talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni tax-xorta kif mitlub mir-rikorrenti kontra awtorita' pubblika jeħtieġ li jiġu sodisfatti sew ir-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kif ukoll ir-rekwiżiti speċifiċi applikabbli meta l-mandat jintalab li jinħareġ kontra awtorita' pubblika bħal ma hu l-każ odjern.

Ssir referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet "**Malta Union of Teachers vs The University of Malta Academic Staff Association (U.M.A.S.A.) et**." (Rik. Inib. 1066/20JRM) mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta' Settembru 2020 fejn ġew elaborati eżawrjentement ir-rekwiżiti sew ġenerali kif ukoll dawk partikolari applikabbli fi proċeduri kontra enti pubblika għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni bħalma hu dak odjern. Timmerita li tiġi ċitata b'mod estensiv:-

"Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lillparti li titlob il-ħruġ ta' dak il-Mandat ;

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent

ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (prima facie), dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha prima facie l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant . Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda;

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem

jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis ukoll li, f'dan ir-rigward, il-liġi llum m'għadhiex titkellem dwar preġudizzju "li ma jkunx jista' jiġi rimedjat" bħala l-bażi tal-ilqugħ ta' talba għall-ħruġ tal-Mandat kontra l-Gvern, imma biżżejjed jintwera li tali preġudizzju jkun sproporzjonat. Dan ifisser li, bejn il-vantaġġ li joħroġ kieku l-ħaġa titwettaq u l-ħsara li ġġib magħha jeħtieġ li jsir tqabbil, iżda dan għandu jitqies mill-perspettiva tal-parti li titlob il-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, b'żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f'każ li l-ħruġ tal-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorità pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, il-liġi titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma;

[…]

Tqis li l-liġi tħares il-"jedd" prima facie bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Tagħraf ukoll li jrid ikun jedd li jidher mad-daqqa t'għajn u mhux irid jinstab wara tiftix ta' ċirkostanzi li

jitolbu stħarriġ b’reqqa ta’ provi jew interpretazzjoni lil hinn minn dak li jidher;”

Ikkunsidrat;

**Id-Dritt Prima Facie**.

Ir-rikorrenti isemmu diversi raġunijiet għaliex jikkontendu li għandhom dritt iwaqqfu lill-Awtorita’ intimata milli tagħti l-konċessjoni li kienet is-suġġett ta’ Request for Proposals lura fis-sena 2010. Fost dawn hemm li għandha a favur tagħha konċessjoni emfitewtika għal 50 sena fuq deskritta u tikkontendi illi parti mill-iżvilupp relatat mal-konċessjoni imwegħda lis-soċjeta’ intimata jirfes l-area konċessa lir-rikorrenti bil-kuntratt ta’ emfitewsi temporanja.

Il-Qorti ezaminat il-pjanti eżebiti mill-partijiet u tikkonkludi illi ma jirriżultax prima facie li hemm xi parti mix-xogħol relatat mal-konċessjoni mwegħda lis-soċjeta’ intimata li huwa ppjanat li jsir fuq xi parti mill-immobbli konċess b’titolu ta’ emfitewsi lir-rikorrenti.

Ma tirriżultax lanqas xi fondatezza prima facie fil-pretensjoni tar-rikorrenti illi għandhom xi interess ġuridiku jwaqqfu l-proġett ippjanat mill-Awtorita’ intimata ab bażi ta’ ittra tal-Awtorita’ intimata tal-31 ta’ Mejju 2010 li kienet tat lir-rikorrenti il-permess temporanju sabiex joperaw sistema tal-irmiġġ għall-istaġun tas-Sajf. Anke hawn il-Qorti ma tirriskonta l-ebda jedd prima

facie nonostante illi dik il-konċessjoni kienetr qed tiġi mġedda minn sena għal sena.

Pretensjoni oħra tar-rikorrenti hi fis-sens illi una volta fis-sena 2011 l-Awtorita' intimata ikkanċellat il-proċess kollu għas-sejħa pubblika RFP mingħajr ma assenjat konċessjoni fix-Xemxija, allura l-Awtorita' intimata ma setgħatx fis-sena 2021 tuża dawk il-proċeduri sabiex tassenja l-konċessjoni li kien is-suġġett tas-sejħa fis-sena 2010 lis-soċjeta' intimata. Ir-rikorrenti jikkontendu illi una volta huma kienu ipparteċipaw f'dak il-proċess allura għandhom dritt jitolbu it-tħassir tad-deċiżżjoni meħuda reċentement mill-Awtorita' intimata sabiex tagħti l-kuntratt ta' konċessjoni lis-soċjeta' intimata. Jippretendu r-rikorrenti illi una volta dik is-sejħa għall-offerti ġiet ikkanċellata abbinat maċ-ċessjoni tal-kawża intavolata mis-soċjetga' intiomata sabiex tħassar dak il-kanċellament; iqisu illi kellu jinbeda mill-ġdid proċess ġdid għal sejħa għall-offerti fejn naturalment ir-rikorrenti jkunu jistgħu jipparteċipaw. Kif rajna r-rikorrenti ġia ipproċedew dwar tali pretensjoni billi intavolaw proċeduri sew quddiem il-Qorti kif ukoll quddiem il-Public Procurement Review Board. Iż-żewġ proċeduri huma pendenti.

L-intimati min-naħa tagħhom jikkontendu illi una volta l-offerta tar-rikorrenti fil-proċess ta' Request for Proposals ma kenitx ġiet aċċettata, allura ma għandhom l-ebda dritt prima facie x'jipproteġu bil-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni. Tgħid hekk l-Awtorita' intimata fir-risposta tagħha fir-rigward: "Illi għalhekk ir-rikorrenti m'ghandom ebda jedd prima facie mehtieg ghar-riuxxita ta' rikors għall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni msejjes fuq il-fatt (li

ghalih ir-rikorrenti jaccennaw fir-rikors promotur) illi huma kienu partecipi fl-imsemmija sejha ghall-offerti, stante illi l-lanjanzi tar-rikorrenti diga gew mistħarrga gudizzjarment u l-appell taghhom kien gie michud u kwindi tali kwistjoni hija maghluqa u ghaddiet in gudikat."

Ikkonsidrat;

Il-funzjoni tal-Qorti li titratta talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ma hux li tiddelibera u tiddeċiedi jekk il-pretensjoni tar-rikorrenti hiex fondata iżda hija limitata sabiex tara jekk jidhirx prima facie li r-rikorrent għandu dak il-jedd minnu pretiż. It-test tal-liġi fir-rigward hu li l-Qorti m'għandiex toħroġ mandat ta' inibizzjoni jekk ma tkunx sodisfatta "... li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet." Ir-riga li l-Qorti trid tuża fi proċeduri bħal dawk odjerni hija ta' qies sostanzjalment differenti mir-riga li trid tuża f'kawża fil-mertu dwar dik l-istess pretensjoni. Fil-kawża fil-mertu l-Qorti tilqa' t-talbiet attriċi jekk jirriżultalha illi almenu sal-livell ta' probabilita' t-talbiet attriċi huma fondati sew fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

B'differenza, fi proċeduri għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni il-Qorti għandha tordna mandat ta' inibizzjoni jekk tasal għall-konklużżjoni illi f'dak l-istadju u b'dak li huwa magħruf fil-proċedura sommarja bħal dik odjerna "prima facie jidher" li r-rikorrent għandu dawk il-jeddijiet. Fil-proċedura odjerna l-Qorti mhiex ser tiddeċiedi jekk per eżempju l-azzjoni li qed jittentaw ir-rikorrenti fil-mertu hiex nulla jew jekk hiex preskritta jew perenta. Lanqas ser tiddelibera u tiddeċiedi jekk ir-rikorrenti għandhomx l-interess

ġuridiku meħtieġ sabiex jintavolaw kawża fil-mertu. Tali deċiżżjoni tispetta lill-Qorti adita mill-kawża fil-mertu.

Mill-banda l-oħra mhux kull pretensjoni taqa' fid-definizzjoni ta' "jedd li jidher prima facie." Altrimenti il-proċeduri għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni jispiċċaw strument ta' abbuż mis-sistema ġudizzjarju bi skop sinistru ta' dak li fil-lingwa ingliża jissejjaħ "arm twisting".

***"Prima Facie Jidher" Kumparat u Kuntrastat ma' - Fumus Boni Iuris - A Credible Claim - Presumption of Sufficient Legal Basis -***

F'sistemi legali diversi talbiet għall-ordnijiet bħax-xorta ta' mandat ta' inibizzjoni jiġu akkolti jekk jirriżulta fi proċedura sommarja "a credible claim", l-hekk imsejjaħ "fumus boni iuris". Il-Qorti Ewropea għad-drittijiet tal-Bniedem f'sentenza mogħtija fit-2 ta' Diċembru 2014 fl-ismiijet **"Maria Carmela Maniscalco vs l-Italja"**[3] liema sentenza kienet titratta ordni kawtelatorju maħruġ mill-Qorti Taljan, iddefinit il-frażi "fumus boni iuris" bħala "presumption of sufficient legal basis".

Id-domanda naturali f'dan l-istadju hi jekk il-frażi "prima facie jidher" użata fil-liġi Maltija għandiex l-istess sinifikat tal-frażi "fumus boni iuris" utilizżata diversi drabi mill-Qrati Maltin. Tradotta ad litteram din il-frażi tfisser "id-duħħan ta' liġi tajba". Fil-fehma tal-Qorti il-frażi "prima facie jidher" hija ferm aktar istruttiva mill-frażi "fumus boni iuris". Prima facie' għandha

[3] Applikazzjoni nru. 19440/10

tittieħed bħala li tfisser mad-daqqa t'għajn u mhux wara xi indaġini approfondita f'kuntest ta' kawża fil-mertu. Filwaqt li l-frażi "jidher" għandha tinftiehem illi l-jedd pretiż, għalkemm mhux ċert li hu fondat, għandu almenu jitqies li għandu l-potenzjal li jiġi rikonoxxut f'kawża fil-mertu, a kuntrarju ta' ċirkostanza fejn mad-daqqa t'għajn tali pretensjoni tidher mill-ewwel li ma hiex fondata.

Wara li l-Qorti qieset l-atti kollha ppreżentati u s-sottomissjonijet magħmula mill-abbli difensuri tal-partijiet tqis illi ir-rikorrenti seħħielhom jissodisfaw ir-rekwiżit ta' "prima facie jidher" li r-rikorrenti għandhom il-jeddijiet minnhom vantati. F'dan ir-rigward qed tikkonkludi illi r-rikorrenti, qua partecipanti fis-sejħa għall-proposti/offerti lura fis-sena 2010, liema proċess kif rajna kien ġie kkanċellat mill-Awtorita' intimata fis-sena 2011, prima facie jidher li għandhom jeddijiet kif meqjusa fl-Artikolu 873 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili una volta l-Awtorita' ħadet deċiżżjoni fis-sena 2020 li tħassar il-kanċellament magħmul għaxar snin qabel u tirravviva l-offerta tas-soċjeta' intimata. Il-jedd pretiż mir-rikorrenti illi maċ-ċessjoni tal-kawża fuq imsemmija l-Awtorita' intimata ma setgħatx tirravviva l-offerta tas-soċjeta' intimata tas-sena 2010 ma hiex pretensjoni li tista titqies li ma tikwalifikax bħala jedd prima facie li jidher li għandhom ir-rikorrenti, u ċioe' li jista' jkun li għandhom ir-rikorrenti.

Stabbilit illi l-pretensjoni tar-rikorrenti tikwalifika bħala jedd li prima facie r-rikorrenti jidher u cioe' jista' jkun li għandhom; jeħtieġ issa l-Qorti tgħaddi sabiex tiddelibera dwar jekk tali jedd li jidher prima facie jeħtieġlux il-

kawtela bil-mezz ta' mandat ta' inibizzjoni pendenti l-eżitu tal-kawża fuq imsemmija.

L-Awtorita' intimata ssottomettiet illi anke jekk il-Qorti tasal biex tikkonkludi, kif fil-fatt qed tikkonkludi, li l-pretensjoni tar-rikorrenti tikwalifika bħala jedd prima facie li jidher li għandhom ir-rikorrenti; il-Qorti xorta m'għandiex toħroġ il-mandat mitlub "jekk l-għemil li jridu jwaqqfu r-rikorrenti jista' jingħata rimedju dwaru b'kumpens fi flus."

Il-Qorti ma tqisx illi tali sottomissjoni tapplika għall-każ odjern. Ir-rikorrenti ma humiex qed jippretendu illi l-konċessjoni tal-mooring/berthing għandha tabilfors tinghata lilhom u li allura fin-nuqqas għandhom pretensjoni ta' danni. Mill-atti jirriżulta illi l-pretensjoni tar-rikorrenti hi fis-sens li maċ-ċessjoni tal-kawża intavolata mis-soċjeta' intimata fejn ikkontestat il-kanċellazzjoni tas-Sejħa għall-Offerti, l-Awtorita' ma setgħattx tirrevoka l-kanċellazzjoni tagħha stess. Ir-rikorrenti qed jippretendu illi maċ-ċessjoni tal-kawża ingħalaq il-kapitolu tas-Sejħa għall-Proposti/Offerti tas-sena 2010 u allura, qua parteċipanti f'dak il-proċess ta' tender ir-rikorrenti jippretendu li kellhom jingħataw l-opportunita' li jipparteċipaw f'sejħa ġdida għall-Proposti/Offerti. Għalhekk huwa evidenti illi jekk il-pretensjoni tar-rikorrenti ma tiġiex kawtelata bil-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni; tali pretensjoni ma tistax tissarraf f'kawża għad-danni.

Il-Qorti għalhekk tqis illi ai termini tal-Artikolu 873 (2) tal-Kap. 12 il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huwa meħtieġ sabiex jiġu kawtelatri l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrenti..

Finalment dwar il-preġudizzju, il-Qorti qed tikkonkludi illi jekk ma jinħariġx il-mandat mitlub il-preġudizzju li jinħoloq lir-rikorrenti huwa sproporzonat meta komparat mal-għemil li qed jintalab li jiġi miżmum milli jseħħ pendenti l-eżitu tal-proċeduri intavolati mir-rikorrenti.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' definittivament ir-rikors tas-16 ta' Marzu 2021,

1. Tordna l-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kif mitlub;
2. Tordna n-notifiki skond il-liġi.
3. Spejjeż jibqgħu riżervati għas-sentenza fil-kawża fil-mertu.

**Mogħti kameralment illum 16 ta' April 2021**

**Onor. Robert G. Mangion**

**Imħallef**